# *Ix-xbieħa tal-Madonna tal-Mellieħa mogħtija dehra ġdida*



***Salvu Fenech***

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Ġunju l-Eċċ. Tiegħu Mons Arċisqof Charles J Scicluna inawgura r-restawr li sar fuq il-pittura tal-Madonna tal-Mellieħa. Dan il-proġett ħa madwar tliet snin bejn studji, tindif u konsolidament ta' dak li kien hemm qabel biex sar.

L-ewwel ma beda kien l-istudju u stħarriġ ta' xiex kien qed jikkawża l-ħsara li kien fuq ix-xbieħa tal-Madonna u l-Bambin. Peress li fuq il-blat tan-niċċa kien ikun hemm ħafna ilma u melħ, iż-żebgħa li biha kienet impittra l-Madonna bdiet titqaxxar bil-periklu li kienet se tintilef għal kollox. L-interventi li saru fis-snin sebgħin, għalkemm kienu skont il-prattika u r-rizorsi li kienu jeżistu dakinhar, ma għenu xejn biex il-pittura tal-Madonna tkun ippriżervata. L-elementi għamlu ħsara kbira u għalhekk kien jeħtieġ intervent biex ikun salvat dak li kien baqa'.

Tpoġġew strumenti li minn żmien għal żmien kienu jitkejlu l-livell ta' melħ fuq ix-xbieħa, l-ammont ta' umdità li kien ikun hemm fin-niċċa tal-Madonna u anke kultant ilma fuq il-blat li fuqu hi mpittra din x-xbieħa. Dan ix-xogħol sar minn esperti li ġew apposta minn Firenze u li huma speċjalizzati f'dan il-qasam. Kienu jittieħdu kampjuni u nstab li l-akbar varjazzjoni li kien ikun hemm kien meta jkun hemm it-taqlib tal-arja, jiġifieri f'Ottubru/Novembru u f'April/Mejju.

Meta kienu stabbiliti l-kawżi ta' dan kollu, beda x-xogħol fuq ix-xbieħa nfisha. L-ewwel ma beda kien ix-xogħol ta' tindif u tqaxxir ta' żebgħa u verniċ li saru matul interventi li kienu saru aktar qabel tul iż-żmien. Tneħħew saffi ta' kisi minn fuq diversi partijiet tal-pittura. Tneħħa wkoll dak il-kulur roża li sar fis-snin sebgħin. Billi, kif għedt aktar qabel, iż-żebgħa tal-pittura kienet qed titqaxxar, beda xogħol metikoluż fejn ir-restawraturi bdew iwaħħlu l-kuluri oriġinali, anke jekk tkun tikka żgħira, permezz ta' kolla apposta li kienet qed tkun injettata taħt iż-żebgħa permezz ta' siringi u b'hekk setgħu jkunu f'pożizzjoni li jistabbilixxu kif kienet il-pittura oriġinali.

Ir-restawraturi studjaw id-diversi pitturi li saru matul iż-żmien, bħal dik ta Favray, Calì u Bonnici Calì. Huma kkonsultaw diversi studjużi tal-ikonografija, kemm Maltin u kemm barranin. Huma sabu li jeżistu ikoni mpittra fuq il-ħajt, l-aktar fl-Italja t'isfel u Sqallija. Beda wkoll studju dwar iż-żebgħa li ntużat oriġinarjament, meta saret l-ewwel pittura. Minn din iż-żebgħa kif ukoll mit-teknika użata, ir-restawraturi setgħu joqorbu lejn iż-żmien ta' meta saret din il-pittura.

Wara li sar dan kollu, beda x-xogħol veru u propju biex tkun rikostruwita l-ikona tal-Madonna kif tidher illum. Wara l-fażi ta' tindif u konsolidament tax-xbieħa wieħed seta' jara l-ħsara kbira li kellha din il-pittura, speċjalment fil-wiċċ tal-Madonna. Nofs wiċċha kien mitluf għal kollox. Peress li s-Santwarju hu post ta' kult lejn il-Madonna tal-Mellieħa, din ix-xbieħa ma setgħetx titħalla hekk. Għalhekk kien deċiż li ssir rikostruzzjoni tal-wiċċ. Kien hemm ukoll deċiżjoni oħra x'tittieħed – peress li l-istudji li saru wrew li l-mant tal-Madonna ma kienx blu, kif kien maħsub li kien, iżda ta' kulur ħamrani. Wiċċ il-Madonna kien mibni mill-ġdid u ntużat sistema li l-parti rikostruwita ssir permezz ta' linji rqaq ħafna biex b'hekk il-parti oriġinali tibqa' tintgħaraf. L-għajn ix-xellugija kienet mitlufa għal kollox. Din ħabblet ras ir-restawraturi mhux ħażin, għax kull forma setgħet tat interpretazzjoni differenti lill-ikona. Setgħet ingħatat interpretazzjoni li kienet Madonna li qed tilqa' lill-pellegrin bi tbissima jew inkella l-Madonna b'ħarsa serja li tilqa' lill-pellegrin u turih t-triq tas-sewwa. L-aħħar interpretazzjoni ġiet ikkonfermata fl-aħħar ġurnata li kien qiegħed isir ix-xogħol ta' restawr, meta waħda mir-restawraturi skopriet li fin-naħa t'isfel tax-xbieħa kien jidher xi forma ta' saba'. Sar tindif mill-ġdid fuq din il-parti u wara konsultazzjoni permezz tal-internet mal-konsulenti ġo Firenze, kien stabbilit li dan is-saba' seta' kien parti minn id ix-xellugija tal-Madonna u wara li r-restawraturi raw diversi xbihat oħra ta' ikoni tal-Madonna, kien aċċertat li din l-iskoperta tal-aħħar ħinijiet setgħet tagħti interpretazzjoni definittiva u reali tal-Madonna, dik li qed tilqa' lill-pellegrini waqt li turihom it-triq li hu Binha Ġesù.

Dan ir-restawr ta definizzjoni u dimensjoni ġdida lix-Xbieħa ta' Sidtna Marija taħt it-titlu tal-Madonna tal-Mellieħa. Hija ikona fuq stil Sicolo-Biżantin tat-tnax jew it-tlettax-il seklu. Fuq il-mant tal-Madonna, l-parti li tgħatti l-moħħ wieħed isib fjura li tfisser l-verġinità ta' Marija. Id-dijademi tal-Madonna u l-Bambin huma mpittra b'ħaġar prezzjuż li huma simbolu tal-eternità. Il-




mant ħamrani skur jagħmel lill-Madonna 'Imperatriċi', waqt li r-raġġiera maqsuma f'erbgħa fuq ras il-Bambin f'forma ta' salib tfisser il-profezija tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù. Hija wkoll pittura fl-istil ta' Madonna



Odegitrija, jiġifieri Marija li turina t-triq. Il-pożizzjoni tas-saba' jindika lill-Madonna b'dik il-ħarsa serja tħares b'ċerta severità lejn il-pellegrin qed tgħidlu li t-triq tas-sewwa hija biss dik li wieħed isegwi lil binha Ġesù li qiegħed fuq l-id l-oħra.

Ix-xogħol fuq l-ikona tal-Madonna twettaq minn Arianna Martinelli minn Faber Restauro ta' Firenze taħt is-superviżjoni ta' Dottoressa Maria Grazia Zenzani u Valentina Lupi mill-Atelier del Restauro b'konsultazzjoni ma' Sara Penoni ta' Faber Restauro. Dottor Cristiano Riminesi u Donata Magrini mill-Istituto per la conservazione e la Valorizzazione dei Beni Culturali ta' Firenze mexxew l-istudji ġeoloġiċi u atmosferiċi li sar qabel ma beda x-xogħol tar-restawr tal-Ikona tal-Madonna. Lil dawn ngħidulhom grazzi, iżda l-akbar grazzi jmur lill-Arċipriet Dun Joe Caruana għall-impenn u l-kuraġġ li wera bid-deċiżjoni li jirrestawra dan il-ġojjell uniku għall-Mellieħa u għall-Malta.

Nispiċċa bil-kliem tal-Arċisqof Mons. Charles J Scicluna li inawgura dan ir-restawr **"... Illum lilkom ngħidilkom, il-Madonna afdat lilha nnifisha fix-xbieħa tagħha lilkom, u intom salvajtuha. Grazzi f'isimha. Il-Mulej iberikkom."**